MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 857/2002/1

**Strand Electronics Limited**

**vs**

**Accord International Destination Management Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm349.40), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata, ta' servizzi rezi u ta' kiri ta' makkinarju;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 t'Awissu, 2001, u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tal-konsenja.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Hubert Dalli ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm349.40) bl-imghax legali mis-27 t'Awissu, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 t'Awissu, 2001, ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**